MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Avviz Numru. 121/2005

**RN Cleaners Limited**

**vs**

**Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali, Mosta**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta’ Marzu tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lill-konvenuti fuq indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu s-somma ta’ elfejn, mitejn u tmienja u hamsin Lira Maltin, (LM2,258.00,0), jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti tnaqqis illi sar arbitrarjament mill-

konvenuti meta sar il-hlas lill-attur ghax-xoghol ezegwit minnu ai termini ta' "tender" moghti lilu ta' tindif u gbir ta' skart, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata il-21 ta' Ottubru tas-sena 2004 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 t' April tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez, stante li kull tnaqqis maghmul mill-konvenut sar b'mod regolari ai termini tal-kuntratt vigenti bejn il-partijiet, senjatament skond il-Local Council (Tendering) Procedures, 1996 (L.C.P. 3/96);

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici kienet giet ingaggata mill-Kunsill Lokali de quo biex taffettwa gbir ta' skart u tindif fil-lokalita' li taghha l-imsemmi Kunsill kien responsabbli;

2. Illi l-perjodu originali ta' l-ingagg kien ghal sitt (6) xhur liema perjodu seta' jigi estiz ghal tletin (30) xahar f'kaz li l-Kunsill de quo jkun sodisfatt;

3. Illi skond l-ittra datata s-26 t'Awissu tas-sena 2003, (ara fol 18), dan il-kuntratt gie saldat f'din l-istess data;

4. Illi a bazi ta' ittra datata l-20 ta' Jannar tas-sena 2004, dan il-kuntratt gie xolt, (ara fol 20);

5. Illi jirrizulta li kien hemm ukoll ftehim orali bejn rapprezentant tas-socjeta' attrici u l-Kunsill Lokali de quo, li fejn ikun hemm xi problema, min kien responsabbli fil-Kunsill kien icempel u s-socjeta' attrici tiehu hsieb tirrimedja;

6. Illi meta l-Kunsill Lokali kien jidhirlu li s-socjeta' attrici b'xi mod naqset milli tespleta l-inkarigu taghha b'mod tajjeb allura, kienet tirrikorri unilateralment ghal dak li l-partijiet jirreferu ghalih bhala "default notice" fil-konfront tas-socjeta' attrici;

7. Illi a bazi ta' l-istess notifiki l-imsemmi Kunsill kien unilaterlament izomm xi pagamenti altrimenti dovuti lis-socjeta' attrici bil-konsegwenza li ma kienx aktar vijabli li din is-socjeta' tkompli b'dan il-kuntratt;

8. Illi eventwalment il-partijiet xoljew l-imsemmi kuntratt bil-kunsens reciproku;

Ikkunsidrat:

1. Illi pero' s-socjeta' attrici qieghda f'din il-vertenza tirrikjama l-ammont minnha ndikat fl-avviz promotur stante li l-imsemmi Kunsill mhux biss unilateralment irritjena li kellu jzomm l-imsemmi ammont u ma jghaddiehx lis-socjeta' attrici izda irritjena wkoll li jaghmel dan bla ma jaghti sodisfazzjon preciz lill-istess socjeta' ghal dan;

2. Illi li jirrizulta jidher li hu li l-Kunsill kien jircievi xi lmenti mir-residenti li s-socjeta' attrici ma kienitx qed tissodisfa l-obbligi minnha assunti u kienet allura thalli xi toroq bl-iskart mhux migbur;

3. Illi s-socjeta’ attrici f’dan ir-rigward issostni s-segwenti:

i. Illi hi dejjem espletat l-inkarigu lilha moghti mill-Kunsill de quo;

ii. Illi dan kienet taghmlu f’hinijiet precizi tal-gurnata ghall-konvenjenza tar-residenti;

iii. Illi kull meta kien hemm xi lanjanza mill-Kunsill dejjem issodisfat l-esigenzi tal-Kunsill;

iv. Illi jirrizulta li r-residenti ma kienux jiddisponu mill-iskart domestiku fil-hin stabbilit izda wara li l-impjegati tas-socjeta’ attrici kienu jespletaw l-inkarigu taghhom;

v. Illi ghal dan in-nuqqas ma ghandhiex tigi akkollata bir-responsabbilita’ is-socjeta’ attrici izda l-Kunsill kellu d-dover li jeduka u jekk hemm bzonn jiddixxiplina lir-residenti erratici tal-lokal;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm ir-rapprezentant tal-Kunsill de quoipprezenta diversi “default notices” dawn fihom innifishom ma jippruvaw assolutament xejn hlief li l-istess ufficcjal hareg l-imsemmija certifikati;

Illi dan la jirrizulta li sar taht xi sistema trasparenti u lanqas wera verifika serja mas-socjeta’ lanjanti;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti hi sodisfatta li fil-perjodu li dam vigenti l-kuntratt is-socjeta’ attrici ezegwietu fit-termini tal-kundizzjonijiet fuqha imposti;

Illi l-lanjanzi tal-Kunsill ma gewx debitament ippruvati stante li ma humiex la verifikati u lanqas verifikabbli b'mod indipendenti;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-Sindku u tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-imsemmija Sindku u Segretarju Ezekuttiv biex ihallsu lis-socjeta' attrici RN Cleaners Limited l-ammont ta' elfejn, mitejn u tmienja u hamsin Lira Maltin, (LM2,258.00,0);

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dovut mid-data ta' l-ittra ufficcjali tal-21 t'Ottubru tas-sena 2004 skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------